MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Numru 215/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**Jesmond Seguna**

**Illum 20 ta’ Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jesmond Seguna, ta’ 31 sena, iben Joseph u Mary Rose nee’ Mifsud imwieled Pieta’ fl-20 t’Awissu 1976 detentur ta’ karta ta’ identita’ nru: 0448576(M) u residenti fl 6, Qasam Hal-Tmiem blk D, Zejtun:

Billi huwa akkuzat talli fis-16 ta’ Settembru 2006 ghal habta ta’ 05.15hrs fi Triq Tal-Barrani Zejtun b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni BAA978, ikkaguna offiza ta’ natura gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mil-idejn u f’diversi partijiet ohra tal-persuna ta’ Anastassia Meltchina minn San Gwann skond kif iccertifikat Dr.I. Moinar MD tat-taqsima Ortopedika (sptar San Luqa) tal-isptar Mater Dei.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA6 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat Jesmond Seguna wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikolu 226 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jesmond Seguna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

tikkundanna lill-imputat Jesmond Seguna ghall-piena ta' sena prigunerija, u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Jesmond Seguna jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Jesmond Seguna milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jesmond Seguna l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------